

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Corte d'appello di Firenze (l-Italja) fil-11 ta' Ġunju 2007 — Nancy Delay vs Università degli studi di Firenze, Istituto nazionale della previdenza sociale (INPS), Ir-Repubblika ta' l-Italja

(Kawża C-276/07)

(2007/C 211/27)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Qorti tar-rinviju

Corte d'appello di Firenze.

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Nancy Delay

Konvenuti: Università degli studi di Firenze, Istituto nazionale della previdenza sociale (INPS), Ir-Repubblika ta' l-Italja.

Domandi preliminari

Jistgħu l-Artikolu 39 tat-Trattat KE u l-atti derivati minnu (b'mod partikolari, l-interpretazzjonijiet mogħtija permezz tas-sentenzi C-212/99 tal-21/6/2001 u C-119/04 tat-18/7/2006) jiġu interpretati fis-sens li hija leġittima s-sistema stabbilita għall-hekk imsejħa "lettori di scambio" li, filwaqt li diġà jkunu marbuta (ex lege Nru. 62/1967) b'kuntratt tax-xogħol bi żmien iddeterminat, ma tiġix iggarantita lilhom, fil-mument tas-sostituzzjoni ta' tali kuntratt ma' kuntratt bi żmien mhux iddeterminat, iż-żamma tad-drittijiet kollha tagħhom li ġew mogħtija lilhom mid-data ta' l-impjieg tagħhom, b'effett mhux biss fuq is-sistema taż-żiediet fil-paga, iżda wkoll fuq l-anzjanità u fuq il-ħlas, minn naħa ta' min iħaddem, tal-kontribuzzjonijiet soċjali?

Talba għad-deċiżjoni preliminari mressqa mill-Bundesfinanzhof (il-Ġermanja) fit-13 ta' Ġunju 2007 — Josef Voding Schlacht-, Kühl- und Zerlegebetrieb GmbH & Co. vs Hauptzollamt Hamburg-Jonas

(Kawża C-278/07)

(2007/C 211/28)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Bundesfinanzhof. (il-Ġermanja)

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Josef Voding Schlacht-, Kühl- und Zerlegebetrieb GmbH & Co.

Konvenuta: Hauptzollamt Hamburg-Jonas.

Domandi preliminari

- 1) Għandu t-terminu ta' preskrizzjoni stabbilit fl-ewwel sentenza ta' l-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 3(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE/Euratom) Nru 2988/95, tat-18 ta' Diċembru 1995, dwar il-protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea, (1) jiġi applikat ukoll fil-każ fejn irregolarità tkun twettqet jew waqfet qabel id-dħul fis-seħħ ta' l-imsemmi regolament?
- 2) It-terminu ta' preskrizzjoni stabbilit f'din id-dispożizzjoni japplika għall-miżuri amministrattivi bħalma huwa l-irkupru ta' rifużjoni fuq l-esportazzjoni mogħtija wara li twettqu irregolaritajiet?

Fil-każ fejn ir-risposta għal dawn iż-żewġ domandi tkun waħda affermativa:

- 3) Jista' Stat Membru japplika terminu itwal, abbażi ta' l-Artikolu 3(3) tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 2988/95 anke meta l-leġiżlazzjoni ta' dan l-Istat Membru kienet diġà tipprovdi għal proroga simili ta' dan it-terminu qabel l-adozzjoni ta' l-imsemmi regolament? Jista' tali terminu itwal jiġi applikat ukoll fil-każ fejn ma kienx previst f'dispożizzjoni speċifika li tirrigwarda l-irkupru ta' rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni jew li tirrigwarda miżuri amministrattivi ġenerali, iżda jirriżulta minn dispożizzjoni ġenerali ta' l-Istat Membru kkonċernat li tkopri l-każijiet kollha ta' preskrizzjoni li mhumiex is-suġġett ta' dispożizzjoni speċifika?

(1) ĠU L 312, p. 1.

Talba għad-deċiżjoni preliminari mressqa mill-Bundesfinanzhof (il-Ġermanja) fit-13 ta' Ġunju 2007 — Vion Trading GmbH vs Hauptzollamt Hamburg-Jonas

(Kawża C-279/07)

(2007/C 211/29)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Bundesfinanzhof (il-Ġermanja)

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Vion Trading GmbH

Konvenuta: Hauptzollamt Hamburg-Jonas

Domandi preliminari

- 1) Għandu t-terminu ta' preskrizzjoni stabbilit fl-ewwel sentenza ta' l-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 3(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE/Euratom) Nru 2988/95, tat-18 ta' Diċembru 1995, dwar il-protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea, ⁽¹⁾ jiġi applikat ukoll fil-każ fejn irregolarità tkun twettqet jew waqfet qabel id-dħul fis-seħħ ta' l-imsemmi regolament?
- 2) It-terminu ta' preskrizzjoni stabbilit f'din id-dispożizzjoni japplika għall-miżuri amministrattivi bħalma huwa l-irkupru ta' rifużjoni fuq l-esportazzjoni mogħtija wara li twettqu irregolaritajiet?

Fil-każ fejn ir-risposta għal dawn iż-żewġ domandi tkun waħda affermattiva:

- 3) Jista' Stat Membru japplika terminu itwal, abbażi ta' l-Artikolu 3(3) tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 2988/95 anke meta l-leġiżlazzjoni ta' dan l-Istat Membru kienet diġà tip-provdi għal proroga simili ta' dan it terminu qabel l-adozzjoni ta' l-imsemmi regolament? Jista' tali terminu itwal jiġi applikat ukoll fil-każ fejn ma kienx previst f'dispożizzjoni speċifika li tirrigwarda l-irkupru ta' rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni jew li tirrigwarda miżuri amministrattivi ġenerali, iżda jirriżulta minn dispożizzjoni ġenerali ta' l-Istat Membru kkonċernat li tkopri l-każijiet kollha ta' preskrizzjoni li mhu-miex is-suġġett ta' dispożizzjoni speċifika?

⁽¹⁾ ĠU L 312, p. 1.

Talba għad-deċiżjoni preliminari mressqa mill-Bundesfinanzhof (il-Ġermanja) fit-13 ta' Ġunju 2007 — Ze Fu Fleischhandel GmbH vs Hauptzollamt Hamburg-Jonas

(Kawża C-280/07)

(2007/C 211/30)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Bundesfinanzhof (il-Ġermanja)

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Ze Fu Fleischhandel GmbH

Konvenuta: Hauptzollamt Hamburg-Jonas

Domandi preliminari

- 1) Għandu t-terminu ta' preskrizzjoni stabbilit fl-ewwel sentenza ta' l-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 3(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE/Euratom) Nru 2988/95, tat-18 ta' Diċembru 1995, dwar il-protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea, ⁽¹⁾ jiġi applikat ukoll fil-każ fejn irregolarità tkun twettqet jew waqfet qabel id-dħul fis-seħħ ta' l-imsemmi regolament?
- 2) It-terminu ta' preskrizzjoni stabbilit f'din id-dispożizzjoni japplika għall-miżuri amministrattivi bħalma huwa l-irkupru ta' rifużjoni fuq l-esportazzjoni mogħtija wara li twettqu irregolaritajiet?

Fil-każ fejn ir-risposta għal dawn iż-żewġ domandi tkun waħda affermattiva

- 3) Jista' Stat Membru japplika terminu itwal, abbażi ta' l-Artikolu 3(3) tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 2988/95, anke meta l-leġiżlazzjoni ta' dan l-Istat Membru kienet diġà tip-provdi għal proroga simili ta' dan it terminu qabel l-adozzjoni ta' l-imsemmi regolament? Jista' tali terminu itwal jiġi applikat ukoll fil-każ fejn ma kienx previst f'dispożizzjoni speċifika li tirrigwarda l-irkupru ta' rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni jew li tirrigwarda miżuri amministrattivi ġenerali, iżda jirriżulta minn dispożizzjoni ġenerali ta' l-Istat Membru kkonċernat li tkopri l-każijiet kollha ta' preskrizzjoni li mhu-miex is-suġġett ta' dispożizzjoni speċifika?

⁽¹⁾ ĠU L 312, p. 1.

Talba għad-deċiżjoni preliminari mressqa mill-Bundesfinanzhof (il-Ġermanja) fit-13 ta' Ġunju 2007 — Bayerische Hypotheken- und Vereinsbank AG vs Hauptzollamt Hamburg-Jonas

(Kawża C-281/07)

(2007/C 211/31)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Bundesfinanzhof

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Bayerische Hypotheken- und Vereinsbank AG

Konvenuta: Hauptzollamt Hamburg-Jonas